5 ta' Marzu 2015
28/2015

## ŻJARAT TA' KORTEŻIJA MILL-ARĊISQOF-ELETT MONS. CHARLES J. SCICLUNA LILL-OGĦLA AWTORITAJIET TAL-PAJJIŻ

L-Arċisqof-elett Mons. Charles J. Scicluna ser jagħmel żjara ta' korteżija lill-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż. Għada, il-Ġimgħa 6 ta' Marzu 2015, fit-8.30 a.m., Mons. Scicluna ser iżur lill-E.T. il-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca. Iż-żjara ser issir fil-Palazz ta' San Anton, Ħ'Attard.

Fl-10.00 a.m., l-Arċisqof-elett ser jagħmel żjara ta' korteżija lill-Onor. Prim Ministru, Dr Joseph Muscat, fil-Berġa ta' Kastilja.

F'nofsinhar, Mons. Scicluna ser jagħmel żjara ta' korteżija lill-Onor. Speaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, Dr Anġlu Farrugia.

Iż-żjara ta' korteżija lill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni, Dr Simon Busuttil, ser issir it-Tnejn 30 ta' Marzu 2015, f'nofsinhar.